**23 ta’ Ottubru**

**Tifkira ta’**

S. ĠWANN TA’ CAPESTRANO, SAĊERDOT

Twieled f’Capestrano, l-Abruzzi, fl-1386. Taha għall-istudju tal-liġi f’Perugia, u għal xi żmien kien ukoll imħallef. Daħal mal-Patrijiet Minuri. Wara li ordna saċerdot għadda ħajja ta’ appostlu, jiġri bla serħan ma’ l-Ewropa kollha, biex isaħħaħ lill-popli fil-ħajja nisranija u jeħodha ma’ l-eretiċi. Miet f’Villach, l-Awstrija, fl-1456.

Mill-Komun tar-rgħajja tal-erwieħ... jew tal-qaddisin irġiel: għar-reliġjużi...

Talba

O Alla, int bgħatt lil San Ġwann ta’ Capestrano biex iqawwi lill-poplu fidil tiegħek fi żminijiet ta’ biża’ u dwejjaq; żommna sħaħ taħt il-ħarsien tiegħek, u mexxi dejjem il-Knisja tiegħek fis-sliem. B’Ibnek.